

Brussell, 24 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9506/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0398 (COD)

COMPET 430
MI 441
ETS 42
DIGIT 145
SOC 418
EMPL 325
CONSOM 224
CODEC 886

RAPPORT

minn:	Presidenza/Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	9020/17 COMPET 320 MI 395 ETS 36 DIGIT 127 SOC 321 EMPL 241 CONSOM 195 CODEC 773 5278/17 COMPET 21 MI 31 ETS 2 DIGIT 5 SOC 15 EMPL 11 CONSOM 10 CODEC 34 IA 6
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern¹.

¹ dok. 5278/17 + ADD1, ADD2 - COM (2016) 821 final.

2. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Suq Intern) eżamina l-proposta f'seba' okkażjonijiet minn meta ġiet ippreżentata taħt il-Presidenza Maltija. Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta ġiet eżaminata fil-25 ta' Jannar 2017 u għadd ta' delegazzjonijiet talbu għal aktar kjarifiki dwar id-data u l-għażliet ikkunsidrati.
3. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) għadu ma vvotax ir-rapport tiegħu dwar il-proposta u, konsegwentement, il-Parlament Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu. Il-Kunsill ma talabx opinjoni mill-Kumitat tar-Reġjuni.

II. IL-PROPOSTA

5. Il-proposta għal Direttiva hija parti mill-"Pakkett tas-Servizzi" ta' proposti leġislattivi li għandhom l-għan li jagħmluha eħfef għall-kumpaniji u l-professjonisti biex jipprovdu servizzi madwar l-UE kollha. Il-Pakkett tas-Servizzi fih innifsu huwa element importanti fl-Istrateġija għal Suq Uniku ppreżentata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ottubru. L-Istrateġija għal Suq Uniku ġiet appoġġata mill-Kunsill Ewropew li fit-28 ta' Ġunju 2016, appella biex "l-istrateġija, inkluż dwar l-enerġija, u l-pjanijiet ta' azzjoni differenti għas-Suq Uniku proposti mill-Kummissjoni jitlestew u jiġu implimentati sal-2018".
6. Id-Direttiva proposta għandha l-għan li ttejjeb il-proċedura ta' notifika stabbilita mid-Direttiva 2006/123/KE (Direttiva dwar is-Servizzi) billi tistabbilixxi proċedura ġdida biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien biex jipprevjenu l-introduzzjoni mill-Istati Membri ta' skemi ta' awtorizzazzjoni diskriminatorji, mhux ġustifikati u sproporzjonati u/jew ta' ċerti rekwiżiti relatati ma' servizzi koperti mid-Direttiva 2006/123/KE. L-iskemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti koperti minn din id-Direttiva huma dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE.

III. SITWAZZJONI ATTWALI

7. Matul in-negozjati fil-livell tal-Grupp ta' Hídma, il-kompromess tal-Presidenza evolva b'mod konsiderevoli mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija, u tat-tħassib imqajjem mill-Istati Membri. L-għan kien li jinstab bilanç bejn il-ħtieġa li tittejjeb il-proċedura ta' notifika eżistenti u l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà, b'mod partikolari l-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali u tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali.
8. Fid-19 ta' Mejju 2017 ġie ppreżentat test ta' kompromess² tal-Presidenza lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti. Matul din il-laqgħa l-Presidenza pproponiet li jiġi emendat aktar it-test ta' kompromess tagħha sabiex jinstab bilanç bejn it-tħassib espress. It-test kif inhu wara l-laqgħa issa jinsab fid-dokument 9507/17. Dan il-kompromess l-iktar reċenti ntlaqa' minn maġġoranza kbira ta' delegazzjonijiet matul il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, iżda madankollu għadd ta' delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar it-test kif emendat matul il-laqgħa.
9. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jibgħat it-test kif emendat u kif jinsab fid-dokument 9507/17 lill-Kunsill Kompetittività tad-29 ta' Mejju 2017 bil-ħsieb li jintlaħaq Approċċ Ġenerali.

IV. KONKLUŻJONI

10. Il-Kunsill huwa mistieden
 - jikkonferma l-Approċċ Ġenerali kif jinsab fid-dokument 9507/17;
 - jawtorizza lill-Presidenza biex tibda diskussjonijiet informali mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew sabiex jiġu esplorati l-possibiltajiet għal qbil fl-ewwel qari.

² Dokument 9020/17